IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

## It-Tmien Legislatura

## Laqgħa Numru 19

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa b'mod virtwali (online) minħabba l-imxija tal-COVID-19, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) it-Tnejn 4 ta' Mejju 2020.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**SKUŻAT B'APOLOĠIJA:**

Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**19.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li s-Sur Christopher Cassar, Viċi-Sindku talab biex jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

**19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 18 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvawhom unanimament.

**Punti mressqa mill-Minuti**

19.2.1 Is-Sindku qal li jkun tajjeb li jiltaqgħu huwa u s-Sur Anton Gellel bl-għajnuna ta' Arthur Demarco sabiex jiġu diskussi l-quotations u l-informazzjoni teknika tal-kameras għall-Fortini u Triq l-Antika.

19.2.2 Is-Sindku qal li jidher li l-problema tal-parkeġġ fi Triq l-10 ta' Awwissu 258 issa ġiet solvuta.

19.2.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera preżenti li l-€100 donazzjoni lis-Sinjorina Riona Dimech ġiet mogħtija iżda mhux mill-allokazzjoni tal-kunsill lokali.

19.2.4 Dwar il-*Birgu Application*, għandha tinħareġ sejħa għal quotation mill-Kunsill Lokali sabiex isir dan is-servizz. Il-kunsillier is-Sur Trevor Mizzi flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellhom jieħdu ħsieb din il-biċċa xogħol.

**19.3 Korrispondenza**

19.3.1 Preżentata quotation mingħand Amabile Galea għall-poġġaman fi Triq De Opertis u Triq it-Torri ta' San Ġwann. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li dan isir.

19.3.2 Preżentati għaxar (10) CVs ta' persuni interessati li waslu sal-lum, għas-sejħa li għamel il-Kunsill Lokali tal-Birgu għal skrivan/a full-time. Dawn iridu jiġu evalwati u jsiru l-interviews sabiex jimla' dan il-post. Is-CVs iridu jaslu sa mhux aktar tard mis-Sibt 9 ta' Mejju 2020.

19.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Onor. Deo Debattista dwar il-ħażna tal-ilma fil-ġibjun ta’ taħt il-Pjazza tal-Birgu sabiex dan ikun jista’ jintuża biex qabel xejn jinħaslu t-toroq tal-Birgu u jekk ikun hemm bżonn ankè ta’ lokalitajiet oħra. Is-Sindku kien ħa l-opinjoni tal-kunsilliera l-oħra u għalhekk bgħat din l-email għan-nom tal-kunsill.

19.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Ministru tal-Intern u Siġurtà Nazzjonali, l-Onor. Byron Camilleri dwar l-interess tal-kunsill sabiex jiġi ntrodott is-servizz tal-Pulizija fil-Komunità fil-Birgu. Il-kunsill kien diġà bgħat korrispondenza lill-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar dwar din il-proposta u kien wieġeb li l-Birgu kien fil-pjan. Il-Ministru għadu ma bgħat ebda tweġiba għal din l-email.

19.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Nestlè sabiex jiġbru l-boroż il-kbar li fihom ġabu l-vazetti tal-ħġieġ biex jintużaw flok fliexken tal-plastic għall-Birgufest.

19.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Onor. Glenn Bedingfield fejn informa lill-kunsill li t-tender għar-restawr tal-faċċata tal-Berġa ta’ Franza ġie ġġudikat u bħalissa huwa ż-żmien ta’ appell. Jekk kollox jgħaddi bla problem, ir-restawr jibda bejn Mejju u Ġunju 2020. Intant ir-restawr tal-faċċata tal-Berġa tal-Ingilterra qed jiġi kkunsidrat.

19.3.7 Preżentata korrispondenza sħiħa dwar il-proġett ta’ Sally Port, it-Toqba tal-Birgu. F’din il-korrispondenza hemm ukoll il-Ministru tal-Infrastruttura u Proġetti Kapitali l-Onor. Ian Borg. Il-Kunsill għal darb oħra qed juri b’mod ċar id-diżappunt tiegħu peress li l-proġett mistenni se jibda mill-Kalkara u mhux mill-Birgu.

19.3.8 Preżentata korrispondenza minn Dr.Shirley Cefai, mill-Università ta’ Malta dwar proġett ta’ aċċessibiltà f’ ibliet storiċi *Accessible for all BY Design*. Dan se jkun maqsum ma’ lokalitajiet oħra madwar l-Ewropa, bil-Birgu jkun l-unika wieħed minn Malta. Għal dan il-proġett hemm budget ta’ madwar żewġ miljun Ewro li jinqasam bejn il-lokalitajiet eleġibbli. Wara diskussjoni, il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li nuru l-interess tal-kunsill f’dan il-proġett.

19.3.9 Preżentata korrispondenza dwar il-devoluzzjoni fejn qabel kien hemm l-Oil Tanking Facility tal-Inġliżi. Kien fadal biss xi partijiet żgħar mill-applikazzjoni sabiex timtela’ u tintbagħat għall-approvazzjoni. Il-kunsilliera preżenti qablu

unanimament ma' din id-devoluzzjoni li kienet diġà mressqa f'laqgħa oħra tal-kunsill.

19.3.10 Preżentata korrispondenza dwar l-Eco Intermodal Hub li se jsir fix-xatt tal-Birgu, Triq San Lawrenz qrib il-Monument tal-Ħelsien. F'din il-korrispondenza, kien hemm ukoll inkluż l-impressjoni artistika ta' dan il-proġett.Il-kunsilliera kienu kollha nfurmati b'email dwar dan il-proġett fejn urew l-approvazzjoni tagħhom.

19.3.11 Preżentata korrispondenza fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu applika għal diversi korsijiet tal-Life Long Learning sabiex jiġu offruti fil-Birgu. Is-Sindku qal li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellu jieħu ħsieb ukoll jikkomunika ma' Fr.John Avellino dwar il-possibilità li jintuża l-Youth Centre għal uħud minn dawn il-korsijiet peress li dan il-post huwa aċċessibli għal kulħadd u atrezzat bl-affarijiet mitluba fl-applikazzjoni. Is-Sindku qal li Fr.John ma sab l-ebda eċċezzjoni iżda jingħata kontribut għad-dawl bħalma jsir ma' individwi u għaqdoet oħra li jagħmlu użu minn dan il-post. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' din il-proposta.

19.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Perit Amanda Degiovanni mid-Dipartiment tar-Restawr sabiex tinforma lill-Kunsill Lokali tal-Birgu li qed isir xogħol ta' manutenzjoni fuq is-sistema tal-bozoz (street lighting) il-ġodda li twaħħlu fit-toroq tal-Collachio. Dan ix-xogħol qed jiġi ffinanzjat kollu mid-Direttorat tar-Restawr.

19.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Vittoriosa Historical Society dwar il-kelma 'Ġirbin' li ntużat waqt bulletin tal-aħbarijiet meta saret il-Begigga. Il-kelma li għandha tintuża hija Vittoriosani. Is-Sur Anton Gellel qal li jkun jaqbel li nkellmu lis-Sur George Agius sabiex tinkiteb ittra bi spejgazzjoni dwar il-kelma 'Ġirbin' u 'Vittoriosani' u din tintbagħat lill-kmamar kollha tal-aħbarijiet sabiex tibda tintuza dejjem il-kelma 'Vittoriosani'.

19.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali tal-Birgu lis-sinjura Maria Pisani mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex tingħata għajnuna finanzjarja sabiex isir platform lift f'Couvre Porte biex il-Librerija Reġjonali tkun aċċessibli għal kulħadd.

19.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mir-residenti ta' Triq il-Foss fejn qed joġġezzjonaw l-appikazzjoni mressqa quddiem il-Planning Authority sabiex il-binja msemmija fil-permess tinbidel f'Art Cafè. L-oġġezzjonijiet min-naħa tar-residenti kienu diġà ġew sottomessi lill-Planning Authority u l-kunsill irċieva

kopja ta' kull oġġezzjoni li r-residenti issottomettew. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li f'isem il-Kunsill Lokali tal-Birgu joġġezzjonaw għal dan l-iżvilupp.

19.3.16 Preżentat l-Annual Report u Financial Statement tal-Kunsill Lokali tal-Birgu għas-sena 2019. Dan kellu jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

19.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-kunsillier is-Sur Trevor Mizzi fejn f'din il-korrispondenza l-Onor. Ministru Hosè Herrera qed jinforma l-kunsill li d-dokument tal-ġemellaġġ bejn il-Birgu u Parisot ġie approvat u ffirmat. Għalhekk, għandha tintbagħat email u ittra lis-Sindku ta' Parisot sabiex ikun infurmat bl-aħħar aġġornamenti.

19.3.18 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq fejn approvaw l-isem il-ġdid ta' Triq il-Kardinal Prospero Grech. Dwar l-isem ta' Triq il-Piccolo Soccorso, il-kumitat jixtieq li jiltaqgħa mal-kunsill lokali.

19.3.19 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kummissjoni tal-Ugwaljanza fejn qed jiddikjaraw li la s-Sindku u wisq anqas il-Kunsill Lokali tal-Birgu m'huma ħatja li għamlu diskriminazzjoni mar-residenti barranin meta ntalbet donazzjoni lilhom bħala għajnuna għall-attività tal-Birgufest 2018 sabiex jinxtraw aktar xemgħat għal din l-attività.

19.3.20 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali tal-Birgu lil-Lands Authority dwar l-istat ta' telqa u abbandun tal-propjetà li tinsab fi Triq il-Vittmi tal-Polverista.

19.3.21 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, sabiex binjiet fil-lokalitajiet jinxtgħelu ħomor bejn l-1 u l-15 ta' Ġunju 2020 sabiex jintwera apprezzament lid-donaturi tad-demm. Il-kunsillier is-Sur Jason Portelli għandu jieħu ħsieb li s-swar fid-daħla ta' Couvre Porte jinxtgħelu ħomor u minn wara l-15 ta' Ġunju jinxtgħelu ħomor u bojod.

19.3.22 Preżentata korrispondenza mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex il-kunsill juri għandux interess li jintroduċi l-EPOS machine fl-uffiċini tal-kunsilli lokali sabiex il-ħlasijiet isiru bil-card flok flus kontanti. Il-kunsill għalissa wera interess għal din l-EPOS machine.

19.3.23 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali tal-Birgu lil Salvu Mifsud, il-kuntrattur li jiġbor l-iskart. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu irid b'effett

immedjat li jinbidlu d-driver u l-kollettur li qed jintbagħtu mill-kuntrattur sabiex jiġbru l-iskart. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament fuq din id-deċiżjoni.

19.3.24 Is-Sindku qal li wara li ħa l-oppinjoni tal-kunsilliera l-oħra, bgħat email lill-Onor. Deo Debattista dwar il-ħażna tal-ilma fil-ġibjun ta' taħt il-Pjazza tal-Birgu sabiex dan ikun jista' jintuża biex qabel xejn jinħaslu t-toroq tal-Birgu u jekk ikun hemm bżonn ankè ta' lokalitajiet oħra. Għal din l-email għad ma kienx hem risposta.

**19.4 Birgufest 2020**

19.4.1 Rigward il-Birgufest 2020, din għandha għalissa tinżamm pendenti sakemm inkunu nfurmati x'se jiġri bl-attivitajiet oħra nazzjonali.

**19.5 Applikazzjoni għall-iskrivani Scale 13 (internal Call) (proposta tas-Sindku s-Sur John Boxall)**

19.5.1 Is-Sindku John Boxall ippropona li l-iskrivana full-time tal-Kunsill Lokali tal-Birgu jitilgħu għall-iskala grad tlettax (13). Għalhekk għandha tinħareġ sejħa internament għall-skrivana Scale 13 sabiex ikunu jistgħu japplikaw. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament għal din il-proposta.

**19.6 Performance Bonus – Ex-Segretarju Eżekuttiv (proposta tas-Sindku s-Sur John Boxall)**

19.6.1 Is-Sindku informa lill-kunsilliera preżenti li l-ex-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Lara Mascena tablet il-ħlas tal-performance bonus tagħha għas-sena 2019. Dan għandu jiġi diskuss u approvat fil-laqgħa li jmiss fil-preżenza tal-kunsilliera l-oħra kollha.

**19.7 Tagħrif aġġornat dwar il-Proġett tal-Pjazza tal-Birgu (proposta tas-Sindku s-Sur John Boxall)**

19.7.1 Is-Sindku informa lill-kunsilliera preżenti li bgħat email lill-Ministru l-Onor. Hose Herrera sabiex jibagħat għajnuna teknika ta' periti mid-dipartiment tiegħu sabiex issir evalwazzjoni tal-ispejjeż tal-paviment tal-pjazza u d-disinn tagħha. Dan sar wara li l-kunsill ġie mitlub jagħti l-ammont ta' kemm ser tkun l-ispiża tal-pavimentar tal-pjazza sabiex da nil-proġett ikun jista' jseħħ. Is-Sur Anton Gellel irrimarka li minkejja li jaqbel li da nil-proġett isir għax huwa tant mistenni u mixtieq, kien ikun ferm aħjar kieku saru t-toroq li għad fadal fil-Birgu fosthom Triq La Vallette, San Filippu u Palazz l-Antik tal-Gvernatur

minħabba l-fatt li l-inġenji biex isiru dawn it-toroq iridu jgħaddu mill-pjazza u tista' ssir il-ħsara jekk il-proġett jilħaq jitlesta.

**19.8 Applikazzjoni mill-ġdid għall-monument tal-Gran Mastru La Valette f'Couvre Porte (proposta tas-Sindku s-Sur John Boxall)**

19.8.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera preżenti li l-fondazzjoni Kulturali Russa f'Malta, għadha bil-ħsieb li tħallas il-monument tal-Gran Mastru La Valette li jiġi f'Couvre Porte. Il-kunsill għandu jerġa jissottometti l-applikazzjoni biex jinħareġ il-permess. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' din il-proposta.

**19.9 Tkomplija tax-xogħlijiet għal toroq u daħliet żgħar fil-Birgu (proposta tas-Sindku s-Sur John Boxall)**

19.9.1 Is-Sindku ppropona li jitkompla x-xogħol ta' *imprint concrete* ta' diversi toroq u daħliet żgħar fil-Birgu. Is-Sindku kellu jiddiskuti mas-Sur Anton Gellel dwar fejn u liema se jitkompla dan ix-xogħol. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' din il-proposta. Is-Sindku qal li għadna nagħmlu laqgħa mal-kuntrattur sabiex ikun infurmat li se jitkompla u liema xogħol irid isir.

**19.10 Tagħrif aġġornat dwar żieda ta' panelli fuq il-Berġa ta' Franza**

19.10.1 Is-Sindku qal li wara li l-kunsill irċieva rapport minħabba l-panelli li hemm fuq il-Berġa ta' Franza għax dawn jinsabu fuq it-turretta u mhux fuq il-bejt, se jerġa jsir il-permess għalihom iżda din id-darba l-permess ser ikun biex isir il-bejt kollu bil-panelli, madwar tletin (30) b'kollox sabiex jiġi frankat aktar mill-kontijiet tad-dawl.

**19.11 Komunikazzjoni mis-Sindku**

19.11.1 Preżentat l-overtime tal-iskrivana għax-xahar ta' Marzu 2020. Il-Kunsilliera peżenti qablu unanimament.

19.11.2 Is-Sindku qal li daqt għandhom jaslu l-għoxrin elf leaflet dwar il-Birgu mħallsha mill-Malta Tourisim Authority.

**19.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

19.12.1 Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli qal li jkun tajjeb jekk jista' jsir xi xogħol ta' manutenzzjoni fil-Ħawli. Is-Sindku wieġeb li bħalissa l-ħaddiema tal-kunsill

għaddejin fuq xi xogħlijet oħra. Kif dawn ikunu ftit liberi, jagħmlu dan ix-xogħol meħtieġ ukoll fuq il-Ħawli. Kellha ssir ukoll komunikazzjoni mal-Ministru tat-Turiżmu biex forsi jintbagħtu xi ħaddiema fi ħdan id-dipartiment biex forsi jkunu jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol huma.

**19.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta`pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, BOV 5431 sa BOV 5443 kif ukoll erba' bank transfers. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda ta' Pagamenti datata 13 ta` April 2020 sal-4 ta` Mejju 2020.

**19.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8.30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tnejn 11 ta` Mejju 2020 fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati illum: **11 ta' Mejju 2020.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |